Minuti tal-Laqgħa Nru. 33 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 17 ta' Diċembru 2009 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa |
| **L-Uffiċjali:**<br>Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |
| **Skużati:** | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Dr. Frank Psaila |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenza għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Tenders
5. Skema Fondi għall-Proġetti Speċjali
6. Ħlasijiet
7. Aġġornament

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 32 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sinjura Luċia Massa ssekondata mis-Sur Joseph Scicluna.

## 2. RIFERENZA GĦALL-MINUTI

2.1 Riferenza għall-Minuti ma kienx hemm.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sas-17 ta' Diċembru 2009, fosthom:

a) Ittra ta' l-Onor. Dr Chris Said li tistieden lill-Kunsillieri għal konferenza li se ssir f'Għawdex bejn 21 u 23 ta' April 2010 dwar ix-xogħol li jsir bejn lokalitajiet Ewropej kontra l-abbuż tad-droga. Għal din il-konferenza se jattendu wkoll mal-200 rappreżentant minn bliet Ewropej.

b) Ittra ta' Dr. Evan Camilleri li titlob għat-tneħħija tal-*parking bay* minn quddiem il-klinika tiegħu li tinsab fi Triq il-Ġdida, Luqa.

c) Ittra mill-ADT li tagħti lista ta' *Reserved Parking* li hawn ġewwa Ħal Luqa.

d) Ittra mill-AKL dwar il-programm ta' Bdil ta' Awguri għall-Ewwel tas-Sena 2010.

e) Inqraw ukoll il-Memos 82/83/84/85 u 86/2009 li kopji tagħhom ġiet mgħoddija lill-Kunsillieri kollha. Hawnhekk is-Sindku qal li bis-saħħa ta' Memo 75/2009 il-Kunsillieri kollha għandhom jibdew jingħataw kopja minn qabel tal-Memos kollha li jidħlu. Għalhekk dawn għandhom jibdew jittieħdu bħala moqrija għalkemm għandhom jiġu nnotati fil-Minuti.

f) Inqrat email tal-*Wasteserv Malta Ltd*. dwar ftehim li qiegħed jiġi propost, u li diġa ġie aċċetat minn bosta Kunsilli, dwar il-*Bring-in-Sites*. Ladarba li jsir il-ftehim, il-Kunsill jibda jibbenefika minn *rebate* ta' €19.23 għal kull tunnellata skart li jinġabar mill-BIS. Barra minn hekk hemm ukoll il-benefiċċju l-ieħor tal-ġbir ta' skart riċeklabbli.

fi) Il-Kunsill qabel li jidħol fi ftehim kemm mal-*Wasteserv Malta Ltd.* kif ukoll ma' *GreenPak Co-op.* Ma' dawn ta' l-aħħar it-terminu tal-kuntratt ma jkunx aktar mill-31 ta' Diċembru 2011.

- Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha tal-MEPA li daħlet sas-17 ta' Diċembru 2009.

- Il-Kunsill qabel ukoll ma' suġġeriment tas-Sur John Schembri biex issir talba għad-devoluzzjoni ta' biċċa art pubblika li hemm f'Ħal Farruġ biex tiġi konvertita bħala *recreational area*. Il-fondi finanzjarji biex jiżviluppa dan il-proġett huwa maħsub li jiġi mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fondazzjoni GAL Xlokk li l-Kunsill huwa membru tagħha.

- Il-Kunsill qabel ukoll li jagħti donazzjoni ta' 100 Euro b'risq il-*Community Chest Fund.*

## 4. TENDERS

4.1 Is-Sindku ressaq ir-rapport tal-Bord ta' l-Għażla li kien kompost mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna, mill-Kunsillier Victor Caruana u mis-Sur Schembri stess. Is-Sur Schembri qal li l-Bord iltaqa' nhar it-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2009 u evalwa l-offerti fuq il-prinċipju ta' l-aktar offerta vantaġġjuża. Mir-rapport, li għandu jitqies bħala li jagħmel parti minn dawn il-Minuti, ħareġ dan li ġej:

4.2 <u>*Cleaning & Attendance of Public Convenience*</u>: Għal din it-*Tender* kien hemm seba' (7) offerti, fejn l-aktar waħda vantaġġjuża kient dik ta' Jason Gatt b' €5,000. Fid-dawl ta' l-offerta baxxa l-Kunsill qabel li jiltaqa mas-Sur Gatt sabiex ikellmuh dwar xi jrid mingħandu l-Kunsill peress li huwa obbligat li jaħdem skond it-Tender.

4.3 <u>*Collection of Bulky Refuse*</u>: Għal din it-tender kien hemm tliet (3) offerti. Anke hawnhekk il-Bord għażel l-aktar waħda vantaġġjuża, iġifieri dik tas-Sur Claudio Aquilina li offra s-servizz b'3.50 euro għal kull *call*. Bħalu t-tieni preferenza l-Bord għażel lis-Sur Alfred Cutajar minħabba s-servizz tajjeb ferm li ta lill-Kunsill fis-snin li għaddew.

4.4 <u>*Street Sweeping & Cleaning*</u>: Għal din it-Tender kien hemm ħames (5) offerti li minnhom ġiet rakkomandata dik ta' *Euro Clean Waste Services* għall-prezz ta' €23, 600. Bħala t-tieni preferenza ġiet rakkomandata dik tas-Sur Claudio Aqulina peress li dan il-kuntrattur dejjem ta servizz tajjeb lil-Kunsill.

4.5 <u>*Resurfacing & Paving:*</u> Dwar *Resurfacing* ta' Toroq bil-*Hot Tarmac* kien hemm offerta waħda biss, dik ta' *Polidano Brothers Ltd.* Għal dik ta' pavimentar kien hemm tnejn (2): dik tas-Sur Vincent Galea u dik ta' *Polidano Brothers Ltd*.

4.5.i Il-Bord qabel illi fejn ser isiru toroq bil-*Hot Tarmac* u bankini lixxi mill-ġdid, dawn għandhom jinħataw lil *Polidano Brothers Ltd*. Fejn se jsiru bankini u sqaqien bl-*Inprint Colour Concrete* kif ukoll dawk irranġati għandhom jingħataw lis-Sur Vincent Galea peress li l-prezz offrut minnu għall-*Inprint Colour Concrete* kien irħas minn dak ta' *Polidano Brothers Ltd*.

4.6 <u>*Parks & Gardens and other Soft Areas:*</u> Fuq din it-Tender il-Bord ta konsiderazzjoni bejn il-prezz u l-makkinarju u ħass li għandu jaġixxi differenti għal raġunijiet kif elenkati fir-rapport tal-Bord. Minħabba f'hekk il-Bord deherlu li għandu jmur għat-tieni ogħla offerta iġifieri dik ta' *Environmental Landscapes Consortium* (E.LC.) għall-prezz ta' 14,500 Euro.

4.7 Meta is-Sindku ressaq dawn il-ħames (5) rakkomandazzjonijiet tal-Bord għall-voti, dawn ġew approvati mill-Kunsill.

## 5. SKEMA FONDI GĦALL-PROĠETTI SPEĊJALI

5.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill taħt l-Iskema Fondi għall-Proġetti Speċjali ġiet milqugħa dik biex jinbena s-Salib ta' Triq il-Gudja u jsir tisbiħ ta' l-inħawi. Għal dan il-proġett il-Kunsill ġie mogħti s-somma ta' €7,000.

## 6. Ħlasijiet

6.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sal-11 ta' Diċembru 2009 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1 Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, is-Sindku fis-6.50 p.m. iddikjara l-laqgħa bħala magħluqa. Ma ġietx iffissata data għal-laqgħa li jmiss minħabba l-egħluq tat-Tender għall-Ġbir ta' Skart imħallat li tagħlaq fis-6 ta' Jannar 2010.

- Konfermati llum 4 ta' Frar 2010.

______________________
John Schembri
Sindku

______________________
Michael Borg
Segretarju Eżekuttiv